MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Rikors Numru. 180/1995/1

***Joseph Calleja***

***versus***

***P. & R. Cutajar Limited***

Il-Bord,

Ra r-rikors

1. Illi hu jikri minghand l-intimati l-fond numru tlieta (3), Zurrieq Road, Safi, versu l-kera ta’ tlett mitt lira (Lm300) fis-sena pagabbli bil-quddiem fit-30 ta’ Settembru ta’ kull sena.

2. Illi dan il-fond jintuza ghal skopijiet ta’ mastrudaxxa.

3. Illi qabel l-ahhar skadenza tal-kera, r-rikorrenti gie infurmat minnc certu Mario Vella illi dan kien issa sid il-kera u l-kera kellha tibda’ tithallas lilu.

4. Illi meta r-rikorrenti kellem lil Paul Cutajar dan qallu li l-kera kellha tibqa' tithallas lilu. Ghalhekk sabiex jezimi ruhu minn kull responsabbilita, l-esponenti ddepozita l-kera taht l-awtorita' tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex il-kera tigi rtirata minn min ghandu d-dritt jircieviha.

5. Illi permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru, 1995, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, l-intimati avzaw li l-kera kienet ser tirdoppja u minn Lm300 issir Lm600.

Ra r-<u>risposta</u>

Illi l-proceduri adoperati mir-rikorrent huma tardivi u konsegwentement irritwali stante li l-istess rikorrent kien gie notifika b'ittra ufficjali fit-2 ta' Novembru 1995 li l-kera rdoppjat mentri l-istanza giet intavolata fis-6 ta' Dicembru, 1995 ossia erbat ijiem tard

Ra s-sentenza tieghu tat-12 ta' Gunju, 2000 li biha cahad l-eccezzjoni ta' nullita'.

Ra d-digriet tieghu tal-14 ta' Lulju, 2000 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Joseph Briffa u l-AIC Anthony Fenech Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici li minnha jirrizulta li l-kera attwali ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) fis-sena diga' teccedi l-40% fuq il-kera xieraq li bih il-fond kien mikri jew seta' jigi mikri qabel l-4 ta' Awissu 1914 a tenur ta' l-art 4 tal-Kap 69 (qabel art 5 tal-Kap 109 tal-Ligijiet ta' Malkta).

Ghalhell jiffissa l-kera fl-ammont ta' tlett mirr lira Maltija (Lm300) fis-sena pagabbli kull 30 ta' Settembru, l-ewwel skadenza fit-30 ta' Settembru 1996 billi l-ittra ufficjali giet prezentata fit-2 ta' Novembru 1995. Ir-rapport tal-periti ghandu jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Billi l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrent giet michuda dan ghandu jbati wiehed minn erbgha (1/4) ta' l-ispejjez; il-bqija jigifieri tlieta minn erbgha (3/4) jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------